**Comm. Prof. George Cassar** *B.A. (Educ.) (Melit.), M.Ed. (Melit.), Ph.D. (Melit.)*

# Il-Kult Marjan fil-Mosta – il-Knisja tal-Isperanza

Fil-Mosta jeżistu numru ta' knejjes u kappelli li juru kemm il-kult Marjan kien mifrux fost il-komunità ta' dak li kien ir-raħal tal-Musta (kif kien jissejjaħ għal ħafna sekli) imma li biż-żmien tant kiber li llum ma jistax jissejjaħ ħlief belt.

Probabbli li l-isbaħ u l-egħżeż knisja għall-Mostin wara l-knisja parrokkjali u bażilika tal-Assunta, hi dik iddedikata lill-Madonna tal-Isperanza. Din hi mibnija fuq għar mal-ġenb tal-wied li jġib isimha – Wied l-Isperanza – lejn it-tarf tal-Punent tal-Mosta.

Ma' din il-knisja hemm marbuta leġġenda li waslet għandna permezz tax-xjuħ u r-rakkonti tagħhom mibnija fuq dak li jgħidu li kienu jisimgħu mingħand ta' qabilhom. Hi l-istorja tax-xebba Mostija li waqt attakk mill-furbani tal-Kosta tal-Barbarija ħarbet u staħbiet f'għar biex ma tinqabadx ilsiera. Talbet ħafna lill-Madonna, tgħidilna l-leġġenda, u l-bokka tal-għar ingħalqet bl-għanqbut li providenzjalment nisġet brimba u dan tant ħeba lit-tfajla li ħelisha mill-periklu.

META GHADDA DAN IS-SARAM, IX-XEBBA HARĠET MINN FEJN KIENET MISTOHBIJA, U DAK IL-HIN STESS HASSET LI KIENET IL-MADONNA LI HELSITHA. GHALHEKK, BHALA HAJR XTAQET ITTELLA' KNISJA ŻGHIRA LILL-VERĠNI MARIJA FUQ DAK L-GHAR STESS FEJN EMMNET LI MAGHHA L-MADONNA KIENET GHAMLET XEJN INQAS MINN MIRAKLU.

Il-knisja saret bil-ġbir li beda mid-19 ta' Settembru 1757 u baqa' sejjer għal ħames snin. Għad li nġabru flus permezz tal-kaxxetta mingħand nies fit-toroq tal-Belt Valletta, madankollu, il-biċċa l-kbira tal-fondi ġew minn fost in-nies tar-raħal tal-Mosta.

Il-knisja bdiet tinbena fit-tieni ġimgħa ta' Awwissu tal-1760, u tlestiet ħdax-il xahar wara. Il-prokuratur tal-bini tagħha, li ħa ħsieb li jħallas il-ħaddiema kollha mill-ġbir li sar, kien Ġammarì Galea.

Minn barra u minn ġewwa, il-knisja hija ġawhra żgħira mimlija dekorazzjonijiet. Fil-faċċata li hija mżejna bil-pilastri u l-istatwi, jidhru żewġ armi, waħda bl-isem ta' Marija u l-oħra tal-Isqof ta' Malta Fra Bartolomeo Rull, li fi żmienu nbniet din il-knisja.

Il-ġbir li sar għal din il-knisja juri li n-nies ta' dak iż-żmien kellhom qima kbira lejn dak il-post, jew inkella lejn dak li kien ġara hemm. Id-devozzjoni għal dan il-lok kibret u ħafna bdew iżuru l-knisja u jħallu flus wara li jagħmlu l-wegħdiet tagħhom. B'hekk għenu biex iħaffu l-piż tal-ispiża tal-bini.

Din il-qima ma naqset qatt, la lejn il-knisja u lanqas lejn l-għar għażiż ta' taħtha, għaliex ħafna nies, saħansitra minn barra r-raħal, baqgħu



Il-knisja tal-Madonna tal-Isperanza. Il-bieb tal-lemin jagħti għas-sagristija
Ritratt: Hajr lill-awtur

jiġu hawn iżuru u jagħmlu wegħdi lill-Madonna tat-Tama. Dan kien li ħeġġeġ lill-prokuratur tal-knisja, Dun Ġwann Fenech, biex jirranġa dejjem aktar dan il-post.

Fl-1896, Dun Ġwann kabbar iz-zuntier, fl-1913 irranġa aħjar l-għar u fl-1919 tella' lanterna fuq il-koppla. Il-knisja u s-sagristija ġew pavimentati bl-irħam fl-1923.

Il-knisja hi mibnija fl-istil Barokk u minn ġewwa għandha forma ottagonali. It-titular juri lill-Madonna tal-Isperanza, xogħol ta' Rokku Buhagiar. Tidher is-sema mimlija sħab tal-maltemp u l-baħar irid jibla' galjun. Iżda dan ma jseħħx minħabba l-intervent tal-Madonna li żżomm idejha fuqu u fuq l-ekwipaġġ. Tidher ukoll l-ankra tas-salvazzjoni fejn riġlejn il-Madonna.

Fis-sagristija hemm imbagħad pittura oħra li wkoll turi lill-Madonna tat-Tama u din pittirha Rafel Bonnici Calì. Turi lil Marija bilqiegħda fuq is-sħab b'binha Ġesù wieqaf fuq sieqha x-xellugija. Kristu qiegħed iżomm f'idu l-ankra tat-tama. Taħt, jidhru żewġ imriekeb tal-qlugħ jissaraw ma' baħar f'tempesta imma huma mħarsa minn Marija u minn Binha. Fis-sagristija tinżamm ukoll fin-niċċa tagħha l-istatwa tal-Madonna tat-Tama xogħol ta' Ġlormu Dingli.

Sar artal ġdid tal-irħam bit-tħabrik ta' Dun Karm Dingli u din l-opra ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mons. Emanuel Galea fit-3 ta' Lulju 1966. Barra dan kollu, il-knisja fiha numru ta' pitturi u statwi oħra. F'din il-knisja ssir l-festa tal-Madonna fit-tielet Ħadd ta' Novembru.

**BIBLIJOGRAFIJA**

G. Cassar u J.G.M. Borg, Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda Tagħhom matul iż-Żminijiet, Malta, 2007.
G. Cassar, Il-Mostin – bejn fidi u storja, Malta, 2019.

Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
• Skylights
• Fiber Glass Flag Poles
• Water Gutters
• Raised Flooring
• Manhole Covers
• Street Furniture
• Raised Flooring
• Liquid Membrane
• UPVC & Aluminium Apertures
• All Type Of Staircases

Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD